## EINSTEIN.....

*Darba Einstein mill-Amerka*
*Wasal wasla l-gżira tagħna,*
*Minn Ħal-Luqa baqa sejjer*
*Taħt il-loġoġ tal-Furjana.*
*U dan l-għaref beda jkejjel*
*Mill-Iljun għall-Monument;*
*Beda jikteb, jikkalkula,*
*Ħażżeż l-ikbar dokument.*
*Ra kemm hemm mill-baħar għoli,*
*Kemm hemm bogħod minn Putirjal,*
*Użа l-antilogaritmi,*
*L-kalklu infinitesimal.*
*Għadd il-*goals *li l-Koku skorja*
*Ma' kemm snin għandu l-perit,*
*Ħa l-*cube root *ta' dana kollu,*
*Żied miegħu daqshekk u ftit.*
*Naqqas li kien ħaseb qabel,*
*Żied it-tul ta' xi nofs sieq,*
*U b'hekk fihem, bejn wieħed u ieħor,*
*Fejn ġej il-livell tat-triq.*

E. Agius.

## ~~IL-WIED TAŻ-ŻEBBUĠI~~

~~*Ġebel u naqal, ċnut imwaqqgħa, nixfa,*~~
~~*Zkuk ta' bużbież, millieġ u xewk maħruq*~~
~~*Bix-xemx t'Awissu fi tmiem triqtu . . . Ħemda*~~
~~*Donnha ta' baħħ f'wifer il-Mewt mitluq.*~~

~~*Fewġa mitruħa, għajjiena mejta, laqa'*~~
~~*Għaxja fix-xewk ma' dawl ix-xemx li nien.*~~
~~*Qiegħed qajl qajl iroxx id-dlam. Ftit ieħor,*~~
~~*U l-Lejl jinżel ikeffen kullimkien.*~~

~~*Idub il-Wied u kemm hemm ħerba miegħu,*~~
~~*Bin-nixfa li tifnih irqiq irqiq.*~~
~~*U jiena lejn id-dar, ma' ħsibijieti*~~
~~*Tqal daqs il-lejl, naqbad bil-lajma t-triq.*~~

~~*Kont għadni tifel mingħajr ħjiena meta,*~~
~~*Flimkien ma' sħabi ta' l-iskola, il-Wied,*~~
~~*Fil-btajjel, wara jum jew jiem ta' xita,*~~
~~*Kont immur nara jfawwar bl-ilmijiet.*~~